PULIZIJA TA' MALTA
L-Ghassa tal-Mosta
It-Tieni STQARRIJA


---

Data: 19 ta' Marzu 2014
Hin 2100 hrs

Stqarrija ta' Nicholas Grech, ta' 37 sena, imwieled nhar [redacted] gewwa l Pieta', bin [redacted] id card [redacted] u residenti [redacted] Mosta ([redacted])

Qed terga' tigi imwissi minni l-Ispettur Edmond Cuschieri fil-prezenza ta' Spettur Joseph Busuttil ghandek dritt ma tirrispondiex ghad-domandi li ser issirulek imma dak li tghid ser jigi miktub u jista' jingieb bhala prova.

| Edmond Cuschieri | Nicholas Grech | Joseph Busuttil |
| --- | --- | --- |
| Spettur | ID [redacted] | Spettur |

D. Ara Nicholas ha nkomplu mal istqarrija li hadna aktar kmieni llum mela fil pen drives tieghek sibna ritratti tal-kannerija tal-knisja tal-Mosta u tal-osswarju dawn ir-ritratti kif hadtom?

R. Kont nidhol bil-lejl sforz l-interess li kelli biex inkun naf fuq il-knisja l-antika.

D Kif kont tidhol bil-lejl?

R Kont hadt il-forma tas-serratura u kont ghamilt il-muftich, kont ghamilt imfietah tal-postijiet kollha ta taht il-paviment.

D Meta tghid taht il-paviment iggfieri tal-area tal kannirja u l-bibien li jaghtu ghal osswarju?

R Tar rixtellu tal-Kannirja, ta taht it turgien tas sagristijiet, u ta' bieb zghir li hemm hdejn il-parking. Tal Osswarju kont ghamilt hadida semplici ghax ma kinitx kumplikata. Kelli ukoll tal ghar tal Isperanza u gieli mort hemm hadt xi ritratti bil-lejl.

D. X' kien l-iskop tieghek li taghmel hekk?

R. Ghax jien inhobb l affarijiet storici u dak il-hin ninsa kollox, u ghamilt hekk ghax kieku saqsejt permess biex naghmel hekk zgur li ma kienux ser ihalluni.

D. Ei x' hin kont tmur?

R. Fis 2am jew 3am u kont naghmel qiesu siegha imma mhux dejjem l istess.

D. Urejtek ritratt tal imfietah tikkonferma li dawk huma l imfietah li qed issemmi u li ghamilt inti?

R. Iva

D. Qed nurik ritratt ta' bieb li jinsab fl istess folder u li inti hadt ritratt tieghu qed tifthu ta fejn huwa dan il-bieb ?

R. Dak huwa il-bieb tal-kampnari.

D. Fil pen drive gewwa folder intitolat Latin instaghab screen shot tat times of Malta ta meta twahhlu zewgt islaleb bil-fdalijiet tal-qtates mal istatwa li hemm Brittanja Square nhar is 16

ta' Settembru 2013 x tghidli fuqa din u ghal fejn kien mohbi hemm dan l iscreen shot?
R. Dak iz zmien kont qed nuza dak il-folder u erfaju hemm qiesu.
D. Ghal fejn hassejt il-bzonn li zzomm dan l iscreen shot?
R. Jien dehrli li ghandi nzomma dik ghax hija parti mil istorja tal-Mosta dik.
D Sibna ukoll ritratt tar-rotunda anzi ritratti ta fejn twahhal l ahhar salib nhar it 2 ta' Frar 2014 u jidher li inti anki tlajt fuq ic-cinta kif telgha min wahhal is-salib, taht ic-cinta jidher car li hemm ir-rota tieghek xi skop kellu dan ir-ritratt ?
R Dawk ir ritratti li ghidt tghid hadtom biex nara l-lavur tal-knisja imma dawk ilni li hadthom.
D L-imfietah li semmghejna kat il-fuq dawn gahdom ghandek u jekk iva fejn qedghin?
R Iva u qedghin fil-garaxx ta mad dar.
D Fil-kompjuter hemm filmat fejn fih tidher qed tipprova torbot qattus ma salib, fil-filmat jidher ukoll martell hdejk u serrieq, fil waqt li l-art hija miksija kollha gazzetti, nghidlek sew li meta hadt dan il-filmat kont qed tipprepara biex issallab dan il-qattus?
R Le altru li mhux hekk, l ewwel nett turi kemm hi xi haga mhux realistika ghax mhux ha jirnexxilek issallab animal haj, l iskop kien biex kif kien hemm dik l-agha fil-midja biex inkompli inzid maghha taparsi hemm wiehed qieghed jaghmel dik il-mohqrija.
D Il post fejn ittiehed il filmat fejn kien?
R Fil-kamra tas-sodda tieghi.
D Kien hemm barmil hdejk u fih bdejt titfa xi magazines u qabel twaddab il-magazines fih bdejt tiffoka bil camera fuqom qiesek trid twassal xi messagg bil headlines tal magazines x' kien l iskop jew il messagg li ridt twassal?
R Dak kien hemm kocc magazines tal knisja u ghidt qiesu tigi li dak li jkun ghandu xi haga ghal-knsija.
D Dak il-filmat ilu mil 2012 x wasslek li ridt twassal messagg li min hu ghandu ghal knisja ghax sa dak iz zmien ma kien hadd ghadu jaf bil kontenut tal-ittri?
R Mill comments tan nies li bdejt nara bdew jalludu li min kien ghandu ghal knisja.
L-istqarrija giet mwaqqfa sakemm ingabru CD u xi mfietah mir residenza ta Nicholas Grech.
D Jekk nghidlek li dawn l-annimali li nstabu mwahhlin f'diversi postijiet fil Mosta wahhalthom int xi tghid?
R Iva.
D Tista tghidli Kif kont toqtol dawn l-annimali?
R Jien dawn dejjem sibthom mejtin waqt li nkun ghaddej fit triq bir rota. Tkun tajjrithom xi karozza u jien nigborhom, nohdhom mieghi id dar u nifrizhom.
D L-ittri int kont tiktibhom?
R Iva
D Tista tghidli ghaliex f'wahda minn l-ittri alludejt li min kien tak l-annimali kien qieghed jgheddek li kien ser jikxfek?
R Jien kont inkun qieghed newden bil lejl u nohloq qisu storja.
D Int ghandek x'taqsam ma fra bazzu?
R Le jien kont kellimtu fuq l-ghalqa u iddecidejt li niktiblu hekk ghaliex kulhadd kien jaqbad mieghu. Jien ridt nikteb fuq xi hadd u wehel hu mieghi.
D Fl ittri semmejt diversi nies fostom l Imhallef Galea Debono, lil Psikjatra Joseph Cassar, Lil Daphne Caruana Galizia, Gianella De Marco u xi nies ohrajn ghal fejn semmejtom?
R Dawk kollha kellom x' jaqsmu mal kaz tal Bazzu.
D Tista tghidli l-postijiet kollha ma fejn wahalt slaleb bi klieb jew qtates jew bicciet ta qtates?
R L-ewwel wiehed tal kelb mal bieb tad-dar ta Frangisk, it tieni mal oratorju, it tielet mal kappella ta San Anton Abbati, issa ma nafx hux wara xulxin dawn imma wahalt mal iskola ta Grognet, mal istatwa ta Santa Marija ta hdejn Triq it-torri, mal istatwa ta San Anton Abbati, darba hdejn il-Flower Power hemm hekk wahalt tnejn, ma Santa Marija ta Pjazza Brittanja hemmhekk wahalt tnejn ukoll, darba mac-cimiterju imma din qatt ma nstemgha xejn fuqha, wahalt qattus ukoll fi triq Baskal Buhagiar f' post li jigi ezatt wara d-dar ta' Frangisk u wahalt iehor mal istatwa ta' San Guzepp li tinsab fi triq il-Kbira u l-ahhar wahda wahalt kelb ma wara tal-knisja u l-qattus mal istatwa ta' San Filep.
D Tac cimiterju meta wahhaltu?

R Dak kont ghadni kemm lestejt kors tal computer u bil kemm kont lahaqt il project u ghidt jekk jirnexili nwahhlu jirnexxili nghaddi mil kors. Dan nahseb kien f xi Lulju jew Gunju tat 2012.

D Ghaliex dejjem taghzel id data tas 16 ta xahar barra fix xahar ta Frar?

R Biex ma nwegghux iz-zejjed lil bazu peress li dak jigi l anniversarju ta meta l bazzu qatel lil ohtu, ghax jien ridt niehu pjacir imma mhux inwegghu izzejjed.

D Pero id-data tas-16 x' sinifikat ghanda ghalik?

R Xejn l ewwel darba kien f' dik id data u komplejt naghmel fis sittax biex nohloq sensazzjoni fil-midja u nies joqghodu jispekulaw.

D L-ahhar wahda li wahalt kellek wiccek moghti, biex kien moghti wiccek?

R B' Balaclava bajda li armejta, din kienet min tax-xoghol tal-firefighting.

D Ara l-ahhar wahda inti tidher gej fil cameras min naha ta triq il-Pont min fejn kont gej?

R Il-Qattus kien ilu fil freezer u l kelb kont sibtu dak in nhar stess jiena u tiela it telgha ta Roc a Go tal barrani jiena u sejjer ix-xoghol Delimara u jien u sejjer lura id dar fl 10pm kien ghadu hemm u mort gbartu, hadt il qattus mil freezer u qatt insahnu fil-forn u x' hin nizel naqra mil friza hadt il kelb u l qattus fl ghalqa, ghamilt is slaleb dak il-hin mal lejl u min hemm hadt kollox bil-mixi lejn il-knisja. Fil-laptop ghandi l istorja ta kollox.

D Inti ghidt li l animali dejjem sibtom mejtin kif tispjega l fatt l ewwel tnejn kienu zewgt iklieb identici?

R Dawk kont sibtom mejtin flimkien go kaxxa taz-zrabem, jien kont sibtom H'Attard kwazi hdejn il-pitkalija. Kont rajt il kaxxa f nofs it-triq u ghidt din x' fiha l kaxxa u x' hin icceKjat sibt iz zewgt griewi mejtin fiha u min hemm bdiet l-idea. Hadtom mieghi frizajtom fil-friza tal-garaxx u hrigt l ewwel wiehed biex inwahhlu fis 16 ta' Ottubru 2011 mad-dar tal Bazzu u imbghad ergajt ghamilt l-istess meta whhalt mal-oratorju.

D Kien hemm fejn qbizt xhur minghajr ma wahalt xejn x kienet tkun ir raguni?

R Jew ghax inkun xoghol jew ghax ma nkunx sibt animali mejtin.

D Aparti id dar tal-bazzu u ta triq Baskal Buhagiar il postijiet l-ohra kif kont taghzel fejn ser twahhal?

R Nghid ilium niehu cans ma dik l istatwa jew mat tali post u jekk ma nsibx nies inwahhlu.

D Ha nsqasik fuq ta Pjazza Brittanja, gahlfejn hemmhekk wahalt zewgt islaleb bi fdalijiet biss ta qtates u mhux qtates shah?

R Dawk meta sibtom dawk il qtates kienu bdew jintnu u wara li gbartom qtajtilom is saqajn u denb u armejt il kumplament maz-zibel.

D Nibqghu pjazza Brittanja. F' x'hin kont mort twahhal dawn is-slaleb?

R Dak kont qomt tard u ghamilt zewgt islaleb mil injam li sibt ta malajr u kont ser indendilom mal istatwa ta San Tumas li hawn wara l bank u ma stajtx ghax kienu il hin kollu ghaddejin in niesu ghamiltom Pjazza Brittanja.

D Tista tghidli kif kont ghamilt ta' Pjazza Brittanja meta kont fuq il-post, kif hadtom is-slaleb u jekk tiftakarx xi haga partikolari milli kien gara fuq il-post?

R Jien kont hadt islaleb mohbijin taht il-gaketta, wasalt fuq il-post niftakar li ghada ragel u gejna wicc i m b wicc u malli ma kienux ghaddejin nies wahhalt wiehed u imbgahd wara ftit wahhalt iehor.

D Ara fuq il-post kien waqalek xi haga u wara inti gbarta u tlaqt l-hemm ghax tidher fuq filmat tac cctv ara tiftakarx x' kien waqghalek?

R Kien waqghali id-denb min ma wiehed mis slaleb u kont gbartu u armejtu fil-wied tal-isperanza.

D L-ittri li kont tikteb mhux dejjem kienu fuq barra tal qattus gieli kien hemm minnhom li l ittri instghabu that il-gilda ghalfejn kont taghmel hekk u kif kont taghmel hekk?

R Kif ikunu mejtin kont esperimentajt li naghmilha taht il gilda ghax hsibt li aktar kont inqajjem agha fil-midja.

D Kieku dan ma kienx jidher fil midja kont tkompli taghmel dawn l affarijiet?

R Nahseb li kont nieqaf u nkompli aktar nitkisser.

D X' sodisfazzjon kont tiehu meta twahhal dawn is slaleb?

R Kont niehu fiducja fiha in nifsi meta jirnexxili imma wara jumejn kont nerggha nitlef il-

motivazzjoni u ma jirnexxili naghmel xejn. Meta jghaddi xahar iehor kont nerga naghmel ohra u kont nirraguna li jekk jirnexili ma ninqabadx hajti tinbidel ghal ahjar.

D Qieghed nifhem sewwa li dawn qisek kont tahseb li qed tuzom bhala sagrificcju ghalik?

R Le Mhux dak l-iskop.

D X' kien l-iskop ezatt?

R Il midja meta issemghi kienet qiesa terga ittini naqra fiducja fija innifsi li jiena kapaci ghal xi haga.

D Iggifieri int kont ser tibqa sejjer hekk ghal dejjem?

R Wara l ahhar wahda kont iddecidejt li nieqaf.

D Ghalfejn iddecidejt li tieqaf?

R Propja anki wara l ohrajn kont iddecidejt li nieqaf imma din id darba kont determinat u ta qabel din f zewgt id drabi kont sibt zewgt iqtates mejtin u kien irnexxili ma nigboromx kont ikkontrolajt lili innifsi imma imbgahd sibt il kelb kelli qattus qieghed iffrizat u ergajt waqajt, ghax anki kont deciz li narmi il-qattus li kelli fil-friza.

D Il-medicina psikjatrika kont ghadek suppost qieghed tiehu?

R Iva

D Pero inti ghidt li waqaft tiehu ghalxiex?

R Kienet intilfitli r-ricetta jew ma kellix aptit ingedida u kont qieghed inhossni tajjeb u ghidt nghaddi minghajra u ma hadtx aktar.

D Jiddispjacik talli ghamilt u jekk iva ghalfejn?

R Jiddispjacini imma li kieku ma ghamiltomx u ma sibtx il fiducja fihom aktar kont nitlef il motivazzjoni u nghid li ma jien tajjeb ghal xejn.

D Tixtieq izzid xi haga ohra?

R Le, li nixtieq nghid jien inhobb l animali u qatt ma hqart animali jien dawn kollha sibtom mejtin.

Din l-istqarrija hija il-verita kollha, ghamiltha jiena minn jeddi, minghajr ebda weghdi ta' favuri jew vantaggi u minghajr ebda biza jew theddid, u wara li qrajta naghzel li niffirma.

Moqrija

Hin: 0025hrs

| | | |
|---|---|---|
| Edmond Cuschieri<br>Spettur | Nicholas Grech<br>ID [redacted] | Joseph Busuttil<br>Spettur |